**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 27 ta' Frar, 2017**

Numru 5

**Rikors Guramentat Nru. 82/2017**

**L-Avukat Dr. John Bugeja bhala mandatarju specjali f'isem u ghan-nom ta' XO Shipping A/S**

**vs**

**Capitalease S.p.A., socjeta estera rapprezentata lokalment mir-resident agent taghha CAMCO Limited b'indirizz 25/16, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-25 ta' Jannar 2017 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta konvenuta hija l-propjetarja tal-bastiment bl-isem 'TRADING FABRIZIA' liema bastiment huwa rregistrat Malta u ghandu n-numru tal-IMO 9481960;

2. Illi is-socjeta konvenuta naqset rnilli tonora t-termini tac-Charterparty Agreement datat il-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) u dana stante l-fatt li l-imsemmi bastiment ma giex delivered lis-socjeta rikorrenti skond id-data ndikata fl-imsemmi Charterparty Agreement u cioe fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016). Minbarra hekk, fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) u dan ai termini tal-istess Charterparty Agreement, is-socjeta rikorrenti fornit erba' mija u hamsin tunnellata mettrika (450MT) bunkers lill-istess bastiment, liema bunkers gew accettati mill-Kaptan tal-istess bastiment. Dawn il-bunkers kienu jammontaw ghas-somma ta' mija u sitta u tletin elf u tmien mitt dollaru

Amerikan (USD 136,800.00) flimkien mas-somrna ta' elfejn u mitejn dollaru Amerikan (USD 2,200) rapprezentanti spejjez dovuti fuq il-fornitura tal-istess bunkers;

3. Illi apparti minn hekk, permezz ta' Charterparty Agreement iehor datat l-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016) maghmul rnis-socjeta rikorrenti u s-socjeta Trafigura Maritime Logisitics Pte. Ltd, l-istess bastiment gie sub-chartered biex jittrasporta ghoxrin elf tunnellata mettrika (20,000MT) metallurgical coke liema konsenja kellha titghabba mill-Kolombja. Permezz ta' notice moghti mis-socjeta rikorrenti, is-socjeta Trafigura Maritime Logisitics Pte. Ltd. giet infurmata illi l-konsenja ma setghetx titghabba u mwassla sad-destinazzjoni taghha skond is-sub-Charterparty hawn fuq indikat u dana minhabba li l-imsemmi bastiment ma giex delivered mis-socjeta intimata fid-data stipulata. FIl-fatt, is-socjeta rikorrenti qed tinzamm responsabbli ghall-hlas ta' danni skond l-isemmi sub-Charterparty liema danni jammontaw ghas-somma ta' miljun u mitejn elf dollaru Amerikan (USD 1,200,000.00) u iktar. Di piu, is-socjeta rikorrenti soffriet telf ta' qliegh ammontanti ghas-somma ta' mija u erba' u tletin elf u tmien mitt dollaru Amerikan (USD 134,800.00) rapprezentanti l-profitt li setghet ghamlet li kieku l-imsemmi sub-Charterparty gie onorat;

4. Illi gurnata qabel ma gie ffirmat l-imsemmi Charterparty u cioe fit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016), is-socjeta konvenuta kienet giet mgharrfa illi l-imsemmi bastiment kien gie arrestat minn terzi gewwa l-Kingston, Jamaica. Fil-fatt, il-bastiment kien gie arrestat mill-mortgagee JEBMED S.R.L. u l-mandat ta' arrest kien gie notifikat fl-erba' ta' wara nofsinhar (16.00). Dan il-fatt ma kienx gie zvelat lis-socjeta rikorrenti u ghalhekk is-socjeta konvenuta kienet konxja illi l-istess Charterparty li hija ffirmat flimkien mas-socjeta rikorrenti ma seta' qatt jigi onorat minhabba l-arrest li kien ghadu kif gie effetwat fuq l-istess bastiment. Dan kollu sar bi tqarriq u b'malafede;

5. Illi b'zieda ma' dak premess, is-socjeta rikorrenti istitwiet proceduri gewwa l-Jamaica kontra l-bastiment intimat u s-sidien tieghu, u di piu, ser jigu ntavolati proceduri arbitrali gewwa Londra in konnessjoni mal-mertu odjern u dan sabiex il-bastiment intimat u s-sidien tieghu jinzammu responsabbli ghall-hlas ta' danni u consequential losses inkluz spejjez relatati mal-istess;

6. Illi l-vertenza tal-partijiet odjerni tirrigwarda varji claims li jikkwalifikaw skond l-artikolu 742b tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u allura l-istess azzjoni tikkwalifika bhala azzjoni in rem skond kif provdut fl-artikolu 742D tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan ghalhekk tikkostitwixxi dritt fi u jew fuq bastiment kif elenkat fl-artikolu 37 (10)(a)(v) tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana bhalma ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

7. Illi r-rikorrenti nomine qed iressaq it-talba tieghu u dan sabiex din l-Onorabbli Qorti tipprojbixxi kull negozju in konnessjoni mal u jew fuq l-imsemmi bastiment u dan sabiex il-claims li ghandha s-socjeta rikorrenti ma jigux ppregudikati;

Tghid ghalhekk is-socjeta konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

1. Tordna li ma jsir l-ebda negozju ta' kwalsiasi natura fuq u jew mal-bastiment bl-isem 'TRADING FABRIZIA' liema bastiment huwa rregistrat hawn Malta u ghandu

numru IMO 9481960, u f'kull sehem fl-istess bastiment inkluz li jigi pprojbit li jigu kkostitwiti ipoteki navali u jew li jinhareg deletion certificate, u dana taht dawk il-provvdimenti li din l-Onorabbli Qort jidhrilha xieraq li timponi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta intimata ma prezentatx risposta;

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Rat li l-kawza thalliet ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

Is-socjeta rikorrenti qed tivvanta drittijiet ta' hlasijiet ta' bunkers fil-konfront tal-bastiment TRADING FABRIZIA, proprjeta tas-socjeta intimata kif ukoll danni inkorsi ghan-nuqqas tas-socjeta intimata li tikkonsenja l-imsemmi bastiment fiz-zmien miftiehem u danni ulterjuri inkorsi fil-konfront ta' terzi li maghhom is-socjeta rikorrenti kellha ftehim ta' subcharter party tal-istess bastiment.

Il-Qorti tqis illi tali pretensjoni tikkwalifika skond l-artikolu 742B(i) u (o) tal-Kap. 12 u ghalhekk tikkwalifika bhala azzjoni in rem taht l-artikolu 742D tal-Kap. 12 u tikkostitwixxi dritt fuq bastiment kif elenkat fl-artikolu 37(10)(a)(v) tal-Kap. 234.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet attrici fis-sens li ma jsir l-ebda negozju ta' kwalsiasi natura fuq u jew mal-bastiment bl-isem 'TRADING FABRIZIA' liema bastiment huwa rregistrat hawn Malta u ghandu numru IMO 9481960, u f'kull sehem fl-istess bastiment inkluz li jigi pprojbit li jigu kkostitwiti ipoteki navali u jew li jinhareg deletion certificate, u dana taht dawk il-kondizzjonijiet u pattijiet li jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna notifika lir-Registratur tal-Bastimenti Merkantili u tal-Bahrin a tenur tal-istess artikolu 37 tal-Kap. 234.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Depu
tat Registratur